# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Mejju 2016**

**Numru 2**
**Rikors maħluf numru 983/2006 AF**

***Association of Car Importers Malta*; *Gasan Enterprises Ltd*; *Gasan Automotive Distributors Ltd*; *U.C.I.M. Co. Ltd*; *Meridian Enterprises Ltd*; *Frank Borda Ltd*; *Associated Motors Co. Ltd*; *Mira Motors Ltd*; *Nissan Motors Ltd*; *Continental Cars Ltd*; *United Automobiles Ltd*; *Muscat Motors Ltd*; *Industrial Motors Ltd*; *Auto Sales (Mer) Ltd*; *Auto Sales (Ren) Ltd*; *Michael Attard Imports Ltd*; *Michael Attard Distributors Ltd*; *Micard Ltd*; *Rohan Motors Ltd*; *Michael Debono Ltd*; *Easysell Kia Malta Ltd*; *u Liaco Ltd***

***v*.**

**Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta; Awtorità Maltija dwar l-i*Standards* u b'nota tas-6 ta' Novembru 2012 l-Awtorita` dwar il-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur assumiet l-atti tal-kawza minflok l-Awtorita` Maltija dwar l-Istandards; Ministru ghall-Iżvilupp Urban u Toroq; Ministru ghall-Kompetitività u Komunikazzjoni; Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Jannar 2012 li ċaħdet talba tagħhom għal dikjarazzjoni illi l-konvenuti ma humiex qegħdin iħarsu dak li jgħidu u jridu il-*Motor Vehicles (EC Type Approval) Regulations, 2002*[1] (Avviż Legali 95 tal-2002) ["A.L. 95 tal-2002"], ir-Regolamenti tal-2004 dwar l-Immaniġġar ta' Skart (Vetturi fi Tmiem Żmienhom) (Avviż Legali 99 tal-2004)[2] ["A.L. 99 tal-2004"], id-Direttiva tal-Kunsill tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ["70/156/KEE"][3] u d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li ma għadhomx jintużaw ["2000/53/KE"]. Talbu wkoll dikjarazzjoni illi s-*single vehicle authorisations* maħruġa mill-konvenuti jew uħud minnhom ma jis-wewx, għax ma jħarsux il-liġijiet fuq imsemmija u għax diskriminatorji kontriehom, kif ukoll illi jingħataw ir-rimedji li jgħoddu għall-każ.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: l-atturi jgħidu illi l-vetturi ġodda kollha li jidħlu fl-Unjoni Ewropea għandu jkollhom *certificate of conformity* maħruġ taħt ir-reg. 7.1 tal-A.L. 95 tal-2002, li jgħid hekk:

> »**7.1.** The manufacturer, in his capacity as the holder of the vehicle type-approved, shall issue a certificate of conformity, which shall accompany each vehicle, whether complete or incomplete, manufactured in conformity with the approved vehicle type.«

---

1 Dan l-Avviż Legali ġie pubblikat bl-ilsien ingliż biss. Ir-Regolamenti llum huma sostitwiti bir-Regolamenti dwar Approvazzjoni tat-Tip KE ta' Vetturi bil-Mutur u l-Karrelli tagħhom (Avviż Legali 148 tal-2009 – Leġislazzjoni Sussidjarja 427.23).

2 Leġislazzjoni Sussidjarja 504.62.

3 Illum imħassra bid-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 5 ta' Settembru 2007.

3. Relevanti wkoll f'dan il-kuntest huma d-disposizzjonijiet tar-reg. 2 dwar il-vetturi milquta b'dawn ir-Regolamenti u tar-reg. 4 u 5 dwar il-kisba ta' *type-approval*:

> »**2.1.** These regulations apply to type-approval of motor vehicles and their trailers built in one or more stages, of systems, components and separate technical units intended for use on such vehicles and trailers.
>
> »… … …
>
> > »**2.1.2.** These regulations do not apply to:
> >
> > »➤ the approval of single vehicles except that when granting such approvals the approving authority shall accept any valid system, component, separate technical unit or incomplete vehicle approval granted under these regulations instead of the relevant national requirement.
>
> »… … …
>
> »**4.1.** Applications for vehicle type-approval shall be submitted by the manufacturer to the approval authority.
>
> »… … …
>
> »**5.1.** The approval authority shall grant:
>
> > »**5.1.2.** vehicle type-approval to:
> >
> > »➤ vehicle types which … … … meet the technical requirements of all the relevant separate Directives … … … «

4. L-atturi jgħidu illi l-awtoritajiet konvenuti ma humiex qegħdin iħarsu l-liġi għax waqt illi jkunu jridu *certificate of conformity* maħruġ taħt ir-reg. 7.1 dwar vetturi ġodda importati mill-atturi, ma humiex qegħdin jitolbu l-istess ċertifikat dwar vetturi użati importati minn terzi, ukoll meta dawn il-vetturi użati jkunu "manifatturati f'serje", iżda joqogħdu biss fuq *single vehicle authorisation* li ma hijiex marbuta ma' *standards* ewropej. L-atturi jkomplu jgħidu wkoll illi d-disposizzjonijiet tal-A.L. 99 tal-2004 (dwar rottamazzjoni ta' vetturi) għandhom jolqtu kull vettura li tidħol fis-suq iżda l-awtoritajiet konvenuti bi ksur tal-liġi "eżoneraw kull vettura impurtata kummerċjalment bħala vettura użata mill-obbligu ta' adempjenza mal-istess regolamenti".

5. Billi dehrilhom li b'hekk kienet qiegħda ssir diskriminazzjoni kontra tagħhom li wkoll ixxekkel is-suq ħieles, l-atturi fetħu din il-kawża tallum u għamlu dawn it-talbiet li qegħdin jinġiebu hawn *verbatim* biex jitolbu illi l-qorti:

> »1. tiddikjara li l-intimati jew min minnhom ma humiex qegħdin jimplimentaw l-Avviżi Legali 95/2002 u 99/2004 u d-Direttivi Ewropej 70/156/EEC u 2000/53/EC kif sussegwentement emendati b'mod ekwu u skond il-liġi Maltija;
>
> »2. tiddikjara illi s-*Single Vehicle Authorisation* preżentement mogħtija mill-intimati jew min minnhom lill-vetturi użati impurtati kummerċjalment hija irrita u nulla billi ma hix awtorizzata fil-liġi u qiegħda tingħata wara li l-istess awtoritajiet intimati jew min minnhom abdikaw mill-poter tagħhom f'dan ir-rigward u għalhekk u dan a tenur tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12;
>
> »3. tiddikjara *inoltre* illi kull deċiżjoni biex tingħata awtorizazzjoni għad-dħul fis-suq Malti ta' vetturi użati impurtati kummerċjalment mingħajr ma jilħqu r-rekwiżiti tal-istess liġijiet su esposti u li jkollhom is-*Single Vehicle Authorisation* su esposta irriti u nulli billi *ultra vires* il-poteri tal-istess awtorità intimata jew min minnhom; u/jew jivvjolaw id-dettami ta' ġustizzja naturali; u/jew jipprospetta abbuż ta' poter mill-awtoritajiet intimati u/jew huma mod ieħor manifestament kontra l-liġi kif hawn fuq imfisser u dan a tenur tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12;
>
> »4. tiddikjara *inoltre* li *Single Vehiċle Authorisation* fuq esposta qiegħed jingħata b'mod diskriminatorju kontra d-drittijiet tas-soċjetajiet rikorrenti u liema diskriminazzjoni qed joħloq *market distortion* għad-dannu tal-istess rikorrenti;
>
> »5. tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex immedjatament u mingħajr dewmien jannullaw u jirrexindu kull deċiżjoni u awtorizazzjoni minnhom mogħtija b'vjolazzjoni tal-liġijiet su esposti;
>
> »6. tikkundanna lill-intimati jieqfu milli immedjatament u mingħajr ebda dewmien jieqfu jagħtu s-*Single Vehicle Authorisation* u awtorizazzjoni għad-dħul fis-suq Malti ta' vetturi użati impurtati kummerċjalment kif fuq deskritt b'vjolazzjoni tal-liġijiet su esposti;
>
> »7. tiddikjara l-intimati jew min minnhom responsabbli għad-danni li ser isofru l-atturi b'riżultat tal-fuq premess, … … …«

6. Il-konvenuti wieġbu, essenzjalment, illi l-liġi toħloq żewġ kategoriji ta' vetturi: "vetturi ġodda" u "vetturi użati", u l-A.L. 95 tal-2002 jolqot biss vetturi ġodda waqt illi s-*certificate of conformity* jinħareġ bis-saħħa tal-Regolamenti tal-2004 dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi

bil-Mutur, Avviż Legali 476 tal-2004 kif emendat. Uħud mill-konvenuti ressqu wkol ll-eċċezzjoni li ma humiex kontradditturi leġittimi.

7. L-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet tal-atturi għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »L-Awtorità dwar it-Trasport tilqa' għall-kawża l-ewwelnett billi tiddikjara illi hija m'għandha x'taqsam xejn mal-implimentazzjoni tal-Avviż Legali 99/04 iżda biss mal-implimentazzjoni tal-Avviż Legali 95/2002. Jirriżulta illi l-Avviż Legali 99/2004 ġie promulgat in forza tal-Kap. 435 tal-Liġijiet ta' Malta li huwa l-Att dwar il-Ħarsien tal-Ambjent (illum dawn ir-regolamenti ġew trasposti għall-Kap. 504, li huwa Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp). Dawn ir-regolamenti (illum 504.62) jirrigwardaw unikament l-Immaniġġjar ta' Skart (Vetturi fi Tmiem Żmienhom). Ma jikkonċernaw bl-ebda mod l-Awtorità dwar it-Trasport. L-Awtorità kompetenti għall-implementar tar-regolamenti msemmija hija l-Awtorità dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Tenut kont l-għan tal-istess, u *cioè* l-kontroll tal-iskart ta' vetturi qodma u komponenti tagħhom, din il-qorti tqis li tenut kont tan-natura tal-avviż legali *de quo*, dan l-argument ireġi. Dan qed jingħad bħala li jgħodd ukoll għall-istess eċċezzjoni mressqa mill-Awtorità Maltija dwar l-I*standards* li timplimenta biss l-Avviż Legali 95/2002 u *cioè* bhala *type approval authority*, skond l-istess Avviż Legali 95/2002. Madanakollu, ma jistgħux b'hekk jinħallu mill-osservanza tal-ġudizzju interament u, għalhekk, l-eċċezzjoni qed tigi miċħuda.
>
> »Il-ministri intimati, it-tnejn jeċċepixxu illi ġaladarba l-ilment tar-rikorrenti essenzjalment jinvolvi nuqqas fl-implimentazzjoni ta' liġijiet huma m'humiex leġittimi kontradditturi għat-talbiet tal-istess rikorrenti. Minbarra l-art. 181B tal-Kap. 12 li għalih din il-qorti tagħmel referenza, u li jipprovdi illi:
>
>> "**181B.** (1) Il-gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni."
>
> »l-Avviżi Legali materja ta' din il-kawża huma t-tnejn li jaqgħu fil-kompetenzi ta' awtoritajiet speċifiċi u li minnhom l-istess awtoritajiet jieħdu l-kompetenza tagħhom. Huma l-istess awtoritajiet li għandhom jirrispondu għat-talbiet u għaldaqstant il-qorti tqis bħala mistħoqqa l-eċċezzjoni taż-żewġ ministri li għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.
>
> »L-Awtorità Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar ukoll teċepixxi illi f'din il-kawża m'hijiex il-leġittimi kontradittur. Din l-eċċezzjoni, fil-fehma tal-qorti ma tiswiex għaliex, kif intqal aktar 'il fuq, skond l-Avviż Legali 99/2004 li jirrigwarda vetturi u komponenti tagħhom meta dawn isiru skart, hija l-istess awtorità li hija kompetenti. Għalhekk, ġaladarba l-ilment tar-rikorrenti jinkludi ukoll l-implimentar tal-istess regolamenti li

tagħhom hi responsabbli l-Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar, din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

»… … …

»L-ilment tar-rikorrenti jikkonċerna … … … żewġ avviżi legali li … … … inkorporaw fil-liġijiet ta' Malta żewġ Direttivi tal-Unjoni Ewropea. L-ewwel minn dawn huwa l-Avviż Legali 95/2002, imsejħa *Motor Vehicles (EC Type Approval) Regulations, 2002)*.

»L-imsemmi Avviż Legali jistabilixxi żewġ kunċetti separati: "*type approval*" u "*certificate of conformity*". Dawn iz-żewġ kunċetti ġew spjegati fix-xiehda ta' Inġ. Anthony Camilleri, Kap Eżekuttiv tal-Awtorità Maltija dwar l-I*standards*:

> »"Fir-rigward tat-*type approval*, nispjega li l-artikli 4.1 *et seq*. (sal-artiklu 6.6) tal-Avviż Legali 95/200, iwaqqfu s-sistema tat-*type approval*. It-*type approval* huwa tip ta' approvazzjoni illi kwalunkwe manifattur irid jikseb qabel ma jibda jaħdem vettura. Allura, jekk manifattur ikun irid jibda jimmanifattura vetturi ġodda, irid qabel xejn, wara illi jlesti d-disinn tal-vettura, japplika għand *type approval authority* sabiex jikseb dan it-*type approval* u dan qabel tibda l-produzzjoni tal-vettura fil-linja tal-produzzjoni. Dan it-*type approval* fil-fatt huwa approvazzjoni mill-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea illi permezz tagħha l-istess awtorità kompetenti tkun qiegħda tiddikjara illi dik il-vettura, kif disinjata, tikkonforma mal-i*standards* kollha viġenti u applik-abbli.
>
> »Illi fir-rigward tas-*certificate of conformity* ngħid dan iċ-ċertifikat jagħmlu l-manifattur stess u dan a tenur tal-artiklu 7.1 tal-Avviż Legali 95/2002. Fil-fatt, nispjega illi l-manifattur għandu l-obbligu illi ma' kull vettura, hekk kif ikun ser idaħħal fis-suq vettura ġdida, huwa jkun irid jagħmel iċ-ċertifikat ta' konformità sabiex jiddikjara illi l-vetturi manifatturati minnu huma konformi mat-*type approval* illi jkun ingħatalu minn *type approval authority* a tenur tal-artikli 4.1 *et seq.* tal-Avviż Legali 95/2002, kif diġà spjegajt."

»Eżami tal-istess regolamenti jwassal lill-qorti għall-fehma li hija n-natura tal-istess regolamenti li tirrendihom applikabbli biss għal vetturi ġodda. Jirregolaw il-proċedura li permezz tagħha tigi approvata "*type of vehicle, system*; *component or separate technical unit*" (art. 3).

»Huma regolamenti li jindirizzaw essenzjalment id-disinn u l-manifattura tal-vetturi. L-obbligi imposti minnhom huma imposti fuq il-fabbrikant u r-rappreżentant tiegħu u, għalhekk, proċedura totalment estranea għall-importazzjoni ta' vetturi użati. Id-Direttiva nnifisha, li hija għerq kollu tar-regolamenti, hija interpretata f'komunikazzjoni tal-kummissjoni … … … fejn f'paragrafu 3.3.2 jingħad illi:

> »"3.3.2 National Approval
>
> »Under current Community law, the following categories of motor vehicles are not EC type-approved:
>
> »• Commercial vehicles (buses, coaches, vans and trucks) and trailers;
>
> »• Vehicles built in small series;
>
> »• Vehicles approved on an individual basis.

»A new motor vehicle that is not EC type-approved can be subject to national approval in the receiving Member state, before it can be registered. The national approval will result in a national certificate of conformity that will serve, among other purposes, for registering the motor vehicle.

»National approval may either be national type-approval or national individual approval:

»• National type-approval and national small series-type approval are intended to ensure compliance of the vehicle type with the applicable national technical requirements. It results in a national type-conformity certificate issued by the manufacturer, in which he confirms that the specific vehicle was manufactured in conformity with the approved vehicle type.

»• National individual approval concerns the certification of compliance of a particular vehicle (whether unique or not) with the relevant national requirements. This procedure applies in particular to vehicles imported individually from third countries and which do not comply with European type-approval requirements, as well as to unique vehicles.

»National type-approval and individual approval procedures for motor vehicles to be used or registered for the first time in the EU normally fall outside the scope of EC law."

»L-Avviż Legali 99/2004 jirrigwarda l-immaniġġar tal-iskart meta vettura ma tibqax tintuża. Il-mod kif hija ġeneralment infurzata, skond dawn ir-regolamenti, hija essenzjalment b'relazzjoni mas-*certificate of conformity* li jkun inħareġ.

»F'dan il-kuntest, ma nġabet ebda prova illi r-regolament qed jiġi applikat b'mod diskriminatorju. … … …

»Imbagħad, fix-xiehda tiegħu, Kevin Mercieca, *Waste Management Team Manager* fi ħdan l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, qal hekk:

»"F'Malta għad m'hawnx impjanti liċenzjati jew li għandhom il-permessi meħtieġa sabiex joperaw faċilità bħala *authorised facility* skond il-provvedimenti tal-istess Regolamenti, minkejja illi attwal-ment il-*MEPA* qiegħda tipproċessa numru ta' applikazzjonijiet f'dan is-sens. Għaldaqstant, sakemm ikun hawn tali impjanti hekk liċenzjati, il-*MEPA* m'hijiex qiegħda timponi l-obbligi tal-istess Regolamenti fuq l-ebda importatur tal-vetturi, irrispettivament jekk tali vettura tkunx daħlet ġewwa Malta bħala ġdida jew *second hand*."

»Din ix-xiehda ma ġiet kontradetta bl-ebda mod u għalhekk il-qorti tqis li, għar-rigward ta' dan ir-regolament ukoll, it-talba tar-rikorrenti m'hijiex mistħoqqa.

»Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll fuq il-mod kif tinħareġ is-*single vehicle authorisation*. Isostnu illi l-awtoritajiet *de quo* [*sic*] jew min minnhom qed jaġixxu f'dan il-kuntest b'mod invalidu skond il-kriterji stabbiliti fl-art. 469A tal-Kap. 12 li jipprovdi għall-istħarriġ ta' għemil amministrattiv fis-segwenti każijiet:

»F'dan l-eżercizzju jinħtieġ li l-qorti teżamina ċ-ċirkostanzi ta' kif jin-ħareġ l-hekk imsejjaħ *Single Vehicle Authorisation* (*SVA*), li permezz

tiegħu jiddaħħlu f'Malta vetturi użati. Dawn huma regolati b'Avviż Legali 476 tal-2004. Kif jixhed David Sutton:

> »"Under these national Regulations, a used vehicle which is imported from a third country outside of the European Community and which has not been subject to European type approval (as it was intended for sale in a country outside of the European Union) must undergo a pre-registration inspection. This pre-registration inspection referred to as the 'Single Vehicle type-Approval (SVA) scheme' is carried out on behalf of the Maltese government by the Vehicle Certification Agency based in Nagoya, Japan. Each used M1 vehicle-type originating from a third [country] outside the European Community is required, under Maltese Law, to be inspected by the Vehicle Certification Agency and issued with a SVA certificate certifying that the M1 vehicle has been designed and constructed to safety and environmental standards in key areas, as stipulated by the Maltese government.
>
> »"The Malta SVA scheme is largely based on the system in place in another EU Member State, the UK. The UK enhanced SVA is applied by the UK government to all used M1 vehicles originating from third countries outside of the European Community. The main difference between the UK SVA scheme and the Malta SVA scheme is that the Malta SVA scheme is specifically applicable to mass produced cars, whereas the UK SVA scheme also covers low volume and amateur-built M1 vehicles. … … …"

»Il-qorti terġa' tagħmel referenza għad-dokument interpretattiv imsemmi aktar 'il fuq fejn intqal illi:

> "National type-approval and individual approval procedures for motor vehicles to be used or registered for the first time in the EU normally fall outside the scope of EC law."

»Ma nġabet ebda raguni lil din il-qorti, li l-proceduri adottati biex jiġu reġistrati vetturi użati jistħoqqilha ċ-ċensura tal-liġi kontemplata fl-art. 469A (*Vehicle Roadworthiness Test EO Directive 96/96/EC*). Ġie pruvat li r-reġistrazzjoni tal-vetturi użati m'huwiex regolat bid-direttivi fuq imsemmija. Lanqas ma ġie pruvat illi b'xi mod jaqa' taħt wieħed mill-każijiet kontemplati fl-imsemmi art. 469A.

»Dwar l-azzjoni mressqa a tenur tal-art. 469A, din il-qorti diversament presjeduta fil-kawża Borg *v.* Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta (Imħ. J.R. Micallef, deċiża fl-1 ta' Marzu 2004) irriteniet:

> »"Illi llum huwa aċċettat li l-azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju msemmija fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija maħsuba biex tagħti rimedju lill-individwu dwar l-imġiba tal-awtorità pubblika fil-konfront tiegħu. Is-setgħa li tingħata mill-imsemmi artikolu lill-qorti fil-kompetenza tagħha ċivili dwar għemil amministrattiv hija jew (a) dik li tistħarreġ is-siwi ta' dak l-għamil jew (b) li tiddikjarah ma jiswiex jew mingħajr ebda effett. Dan tista' tagħmlu meta l-għemil jikser il-Kostituzzjoni jew meta jkun sar lil hinn mis-setgħa ta' min wettqu (*ultra vires*). F'din l-aħħar ipoteżi, dan l-eċċess ta' setgħa jista' jirriżulta meta l-att isir minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata twettqu, jew meta dik l-awtorità, għalkemm ikollha setgħa twettaq dak l-għamil, tkun naqset li tħares il-prinċipji ta' ġustizzja naturali jew ħtieġa proċedurali li tabilfors trid tħares qabel ma tasal għal dak l-għamil, jew jekk l-għamil jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa ta' dik l-awtorità billi jsir għal

xi għan mhux xieraq jew fuq konsiderazzjoni irrilevanti, jew meta dak l-għamil imur b'kull mod ieħor li jkun kontra l-liġi. Bil-kelma "għamil", il-liġi tifhem ukoll ċaħda jew rifjut ta' talba li ssir minn persuna lil xi awtorità pubblika."

»Id-dettami tal-art. 469A huma strettament delineati. Rikorrent jeħtieġlu jiddentifika r-raġuni li għaliha qed jitlob ċensura tal-azzjoni amministrattiva. Fil-każ in eżami, ir-rikorrenti kkwotaw il-firxa kollha ta' possibilitajiet kontemplati taħt l-qrt. 469A, iżda ma identifikawx liema minnhom kienet ir-raġuni għall-ilment minnhom imressaq.

»Issa, kif intqal aktar 'il fuq f'din is-sentenza, din il-qorti tqis li l-avviż legali mertu ta' din il-kawża ma jżomm bl-ebda mod lill-awtoritajiet milli japprovaw l-importazzjoni ta' vetturi użati u, konsegwentement milli jipprovdi raġun ta' kontroll fir-rigward. Is-sistema ta' kontroll kif imħaddma mill-awtoritajiet, madanakollu, a tenur tad-Direttivi Ewropej 96/96/EC, ma taqa' taħt l-ebda kap tal-fuq imsemmi art. 469A.

»Jirriżulta lil din il-qorti illi l-liġijiet viġenti fir-rigward ta' importazzjoni ta' vetturi jipprovdi għal żewġ sistemi paralleli – dawk tal-vetturi ġodda u dawk tal-vetturi użati. Il-ligi timponi zewg *regimes* distinti għalihom u l-awtoritajiet intimati qed iħaddmuhom, fil-fehma tal-qorti, fil-parametri lilhom mogħtija bil-liġi. Il-qorti ma teskludi bl-ebda mod li r-riżultat jista' jkun ta' ħsara kummerċjali lir-rikorrenti imma l-qorti dan, fil-kuntest, m'hijiex tenuta li tħarsu hi.

»Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti taqta' u tiddeċiedi billi tillibera lill-intimati Ministru għall-Iżvilupp Urban u Toroq u l-Ministru għall-Kompetitività u Komunikazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju; u filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha ta' natura preliminari, tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-intimati l-oħra u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti għaliex mhux pruvati.

»Minħabba n-natura tal-każ, kull parti tbati l-ispejjeż taghha.«

8. L-atturi appellaw minn din is-sentenza b'rikors tas-7 ta' Frar 2012. Il-Ministru għall-Iżvilupp Urban u Toroq u l-Ministru għall-Kompetitività u Komunikazzjoni wieġbu fit-28 ta' Frar 2012; l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta wieġbet fit-2 ta' Marzu 2012; l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar wieġbet fil-5 ta' Marzu 2012; u l-Awtorità Maltija dwar l-I*standards* wieġbet fil-15 ta' Novembru 2012.

9. Bħala premessa għall-aggravji tagħhom, l-atturi fissru kif ġej:

»Illi qabel xejn huwa utli li jiġu sottolinjati sintetikament il-vertenza tal-appellanti [*sic*]:

»Il-kawża odjerna tirrivolvi primarjament madwar domanda waħda u *cioè* jekk l-awtorità intimati [*sc.* humiex] qegħdin japplikaw korrettement żewg direttivi Ewropej: id-direttivi 70/156/KEE (dwar *Type*

*Approval*) u 2000/53/KE (dwar *end-of-life vehicles*), kif sussegwentement emendati.

»Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet li dawn id-direttivi għandhom effett dirett – tant li filfatt huwa ammess li ġew trasposti fis-sistema tagħna permezz ta' żewġ Avviżi Legali: A.L. 95/2002 u A.L. 99/2004.

»Il-kontestazzioni kollha bejn il-partijiet tista' tgħid hija dwar kelma waħda. Hija dwar x'interpretazzjoni jrid jingħata lill-kelma "*new*". Dana billi d-direttivi, partikolarment id-direttiva dwar *Type Approval* tenfasizza li l-applikazzjoni hija għal "*new vehicles*".

»Il-posizzjoni tal-intimati hija li l-kelma "*new vehicles*" tirreferi biss għal vetturi li huma ġodda fjammanti, li ġejjin dritt mill-fabbrika. L-effett ta' din l-interpretazzjoni hija li effettivament għall-awtoritajiet intimati "vetturi użati" ma humiex regolati minn dawk id-direttivi u ma hemmx bżonn li jkunu konformi mar-rekwiżiti ta' dawk id-direttivi.

»Il-posizzjoni tal-appellanti hija li d-direttivi meta jitkellmu dwar "*new vehicles*" trid tfisser "*new vehicles on the market*" u *cioè* vetturi li qed jidħlu fl-Ewropa għall-ewwel darba – kemm għax għadhom kemm ġew manufatturati u kemm għax ġejjin minn xi pajjiż barra mill-Ewropa. L-effett ta' din l-interpretazzjoni hija li għandu jkun hemm biss sistema waħda, u set wieħed ta' regoli, li tirregola l-vetturi kollha li qegħdin jidħlu fis-suq Malti.

»Il-Prim' Istanza sabet li filfatt kienu jeżistu "żewġ sistemi paralleli" u *del resto* dan qatt ma kien kontestat mill-intimati. Iżda bir-rispett kollu lejn l-ewwel onorabbli qorti din naqset li tgħarbel jekk dan kienx konformi mad-direttiva jew le.

»Kwistjoni sekondarja, iżda ank'hi importanti, hija mbagħad jekk is-sistema li l-awtoritajiet qegħdin japplikaw lejn vetturi użati – is-sistema ta' *single vehicle authorisation* (iktar 'il quddiem *SVA*) hijiex filfatt permess fil-liġi tagħna in kwantu huwa ammess mill-intimati li fost oħrajn (a) ma hemm[x] avviż legali li jipprovdi għar-rekwiżiti li għandhom jiġu milħuqa sabiex jingħata l-*SVA*; (b) li dan l-*SVA* ma huwiex mogħti mill-awtoritajiet Maltin iżda minflok hija mogħtija minn agenzija ta' awtorità Ingliża li topera unikament fil-Ġappun. Għalhekk anke jekk wieħed kellu jaċċetta l-validità tal-interpretazzjoni tal-intimati (li tippermetti żewġ sistemi paralleli), it-tieni sistema, dik tal-*SVA*, ma hijiex konformi mar-rekwiżiti tal-liġi.«

10. Għandu jingħad, ġà f'dan l-istadju, illi, għar-raġunijiet imfissra fil-provvediment mogħti minn din il-qorti fit-30 ta' Ottubru 2015, il-premessa tal-atturi illi "'*new vehicles*' trid tfisser '*new vehicles on the market*'" hija żbaljata: "vetturi ġodda" tfisser vetturi ġodda mill-fabbrika u mhux vetturi, ġodda jew użati, li ddaħħlu għall-ewwel darba fis-suq. Ukoll, lanqas ma huwa korrett dak li jgħidu l-atturi illi "ma hemm[x] avviż

legali li jipprovdi għar-rekwiżiti li għandhom jiġu milħuqa sabiex jingħata l-*SVA*": din il-materja kienet fiż-żmien relevanti regolata bir-reg. 7 tar-Regolamenti tal-2004 dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Avviż Legali 476 tal-2004 kif emendat)[4].

11. Imbagħad l-atturi fissru l-ewwel aggravju hekk:

> »Illi fl-ewwel lok … … … għalkemm [l-ewwel qorti] sabet li filfatt kien hemm "żewġ sistemi paralleli" għall-importazzjoni tal-vetturi, waħda ta' liema [*recte*, li waħda minnhom] kienet iktar rigoruża mill-oħra, ma daħlitx fil-kwistjoni jekk l-eżistenza *o meno* ta' dawn iż-żewġ sistemi kienet konformi mad-Direttivi Ewropej li jirregolaw l-importazzjoni u l-manufatturar ta' vetturi fl-Ewropa.
>
> »Jiġi rilevat li l-azzjoni odjerna kienet proprju bażata fuq il-fatt li bl-ispetsettar tar-regolamentazzjoni tal-importazzjoni ta' vetturi f'idejn diversi awtoritajiet kien qed jinħoloq diskriminazzjoni fis-suq u iktar minn hekk kienu qegħdin jinġiebu fix-xejn l-effetti ta' żewġ Direttivi tal-Unjoni Ewropea, u *cioè*:
>
> »1. id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzioni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom (*Vehicle Type Approval*); u
>
> »2. id-Direttiva tal-Kunsill 2000/53/KE tat-18 ta' Settembru 2000 *on end-of-life vehicles*.
>
> »Dawn iż-żewġ Direttivi għandhom effett dirett fil-leġislazzjoni Maltija u ġew trasposti fl-ordinament legali tagħna rispettivament permezz tal-Avviż Legali 95/2002 – *Motor Vehicles (EC Type Approval) Regulations 2002* (li daħal fis-seħħ fit-3 ta' Novembru 2002; u l-Avviż Legali 99/2014 – *Waste Managament (End of Life vehicles) Regulations, 2004*.
>
> »Huwa sinifikanti fil-fatt kif l-ewwel qorti lanqas ma daħlet sabiex tara x'effett kellhom id-direttivi u kif kellhom jiġu interpretati. Kif spjegat iktar 'il fuq, il-lanjanza primarja tal-esponenti hija li l-misinterpretazzjoni tad-Direttivi min-naħa tal-intimati qed twassal għal danni inġenti lil importaturi.
>
> »Il-Prim' Istanza sabet li filfatt vetturi li kienu jiġu impurati ġodda kienu jaqgħu taħt reġim wieħed (ta' *type approval* u *certificate of conformity*) li kien regolat mill-Awtorità Maltija dwar l-I*standards* filwaqt li l-importazzjoni ta' vetturi użati kien jaqa' taħt regim ieħor ta' *single vehicle approval* mogħti mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta. L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar imbagħad kellu l-kompitu li jirregola l-*end-of-life vehicles* fir-rigward tal-vetturi kollha iżda ma kenux

[4] Illum sostitwiti bir Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, Avviż Legali 198 tal-2009 kif emendat ["L.S. 368.02"]. Reġistrazzjoni ta' vetturi bil-mutur użati hija llum regolata bir-reg. 6 tal-L.S. 368.02.

> qegħdin jimponu l-obbligi imposti mid-Direttivi peress li fiż-żmien in kwistjoni ma kellhomx il-faċilitajiet biex jagħmlu dan ir-regolament-azzjoni.
>
> »… … …
>
> »[L-ewwel qorti] naqset li tara u tgħarbel jekk filfatt din is-"sistema" kinetx qed tasal sabiex l-effetti tad-direttivi fuq imsemmija jiġu stultifikati u mnaqqsa.«

12. Dan l-aggravju juri illi l-atturi qegħdin jifhmu ħażin l-Avviżi Legali li implimentaw id-Direttivi, għax baqgħu jimxu fuq il-premessa illi "vetturi ġodda" huma "vetturi ġodda fis-suq" u mhux "vetturi ġodda mill-fabbrika". Tassew illi, kif sewwa osservat l-ewwel qorti, hemm żewġ "sistemi paralleli" fis-seħħ: wieħed għal vetturi "ġodda" u ieħor għal vetturi "użati". Dan iżda huwa implimentazzjoni korretta tal-Avviżi Legali li jimplimentaw d-Direttivi, u li jiddistingwu bejn vetturi ġodda u vetturi użati u jirregolawhom b'mod differenti. Fil-fatt, is-sistema li jirregola l-vetturi ġodda – dawk li jimportaw l-atturi – huwa aktar vantaġġjuż għax vetturi ġodda b'ċertifikat ta' konformità li jingħata mill-fabbrika jistgħu jidħlu fit-territorju mingħajr ħtieġa ta' kontrolli ulterjuri, waqt illi dawk il-kontrolli ulterjuri jibqgħu meħtieġa għal vetturi oħra sabiex dawn jiksbu "awtorizzazzjoni tat-Tip ta' Vettura Weħedha" ("*Single Vehicle Type approval*") u hekk ikunu jistgħu jidħlu fis-suq Malti. Jekk tinħoloq "diskriminazzjoni", din hija favur, mhux kontra, l-atturi.

13. L-aggravju għalhekk, imsejjes fuq interpretazzjoni ħażina ta' x'inhuma "vetturi ġodda", għandu jiġi miċħud.

14. It-tieni aggravju jolqot il-leġittimazzjoni passiva tal-Ministru għall-Iżvilupp Urban u Toroq u l-Ministru għall-Kompetittività u Komuni-azzjoni, u ġie mfisser hekk:

> »Illi l-esponenti jissottometti bir-rispett li l-Onor. Ministri intimati huma leġitimi kontradditturi in kwantu l-kawża hija wkoll kontra ir-regolamenti (jew nuqqas ta' regolamenti) b'liema ġiet imposta din is-sistema fram-mentarja f'Malta. Dana għaliex il-mertu ma huwiex biss kontra l-imple-mentazzjoni tar-regolamenti Maltin, iżda hija wkoll kontra t-trasposizz-joni tal-istess.«

15. Il-qorti tosserva qabel xejn illi l-kawża tallum hija dwar jekk l-awtorita-jiet konvenuti ħarsux l-Avviżi Legali li bihom ġew implimentati d-Direttivi, u mhux, kif qegħdin issa jgħidu l-atturi, dwar jekk l-Avviżi Legali jimplimentawx sew id-Direttivi. Fil-fatt il-validità tal-Avviżi Legali hija l-premessa ewlenija li fuqha hija msejsa l-kawża.

16. F'kull każ, l-art. 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dwar "rappreżentanza ġudizzjarja tal-gvern", igħid ċar illi dawk li jidhru f'isem il-gvern fl-azzjonijiet ġudizzjarji huma "l-kap tad-dipartiment in-karigat fil-materja in kwistjoni" jew inkella l-Avukat Ġenerali: ministri mkien ma jissemmew f'dan l-artikolu u għalhekk ma humiex il-ministri li għandhom jidhru f'isem il-gvern. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

17. Fit-tielet aggravju l-atturi jfissru l-kunċetti ta' *type approval* u *certificate of conformity*. Igħidu illi:

> »"*Type approval*" jista' jingħata biss meta jiġi manfatturat mudell għall-ewwel darba. Kull vettura li toħroġ skond dik il-mudell ikollha "*certificate of conformity*".
>
> »*Sta* għall-manufattur sabiex jikseb "*Type approval*" għal mudell parti-kolari iżda ma huwiex minnu, kif fehmet il-qorti li s-"*certificate of conformity*" japplika biss għal vetturi ġodda, għax anke vetturi użati jistgħu jkollhom dan. Iżda l-awtoritajiet intimati ma jinsistux għal dan iċ-

ċertifikat meta l-vettura tkun waħda użata, anke iekk tkun qed tidħol minn barra l-Ewropa.

»B'dan il-mod mhux biss qed jinħoloq diskriminazzjoni u preġudizzju kontra l-importaturi appellanti (peress li l-ispejjeż sabiex timmanufattura vettura skond mudell approvat għas-suq Ewropew huma ikbar) iżda qiegħed jiġi preġudikat l-applikazzjoni taż-żewġ direttivi.«

18. Li jgħid l-A.L. 95 tal-2002 huwa dan:

»**7.1.** The manufacturer, in his capacity as the holder of a vehicle type-approval, shall issue a certificate of conformity … … … which shall accompany each vehicle, whether complete or incomplete, manufactured in conformity with the approved vehicle type.«

»**8.1.** On grounds relating to the construction and functioning of *new vehicles*, their registration, sale or entry into service shall be permitted if, and only if, they are accompanied by a valid certificate of conformity.« (enfasi miżjud)

19. L-atturi qegħdin għal darb'oħra jimxu fuq il-premessa ħażina illi *"new vehicles*" huma vetturi ġodda fis-suq u mhux vetturi ġodda mill-fabbrika, li, kif imfisser fil-provvediment tat-30 ta' Ottubru 2015, hija t-tifsira korretta ta' "*new vehicles*" kemm fl-Avviżi Legali u kemm fid-Direttivi. Ir-Reg. 8.1 tal-A.L. 95 tal-2002 japplika għal *new vehicles*. Dan ifisser illi biex jidħlu fis-suq Malti vetturi ġodda – ġodda milli fabbrika – biżżejjed li jkollhom *certificate of conformity* waqt illi vetturi użati jkunu jeħtieġu awtorizzazzjoni tat-Tip ta' Vettura Weħedha (*Single Vehicle Type approval*) li tinħareġ għal kull vettura użata biex din tkun tista' tidħol fis-suq Malti minn barra l-Ewropa.

20. Dan l-aggravju, imsejjes fuq interpretazzjoni ħażina ta' x'inhi vettura ġdida, huwa wkoll għalhekk miċħud.

21. Ir-raba' aggravju huwa dwar vetturi fi tmiem żmienhom (*end-of-life vehicles*) u ġie mfisser hekk:

»Illi l-esponenti ħassu ruħhom aggravati mis-sejbien tal-qorti li "ma nġabet l-ebda prova illi r-regolament qed jiġi applikat b'mod diskriminatorju". Ma hemmx kontestazzjoni li l-awtorità intimata, l-Awtorità għall-Ambjent u l-Ippjanar hija l-awtorità inkarigata bl-enfurzar ta' din id-Direttiva.

»Ġie "ammess" mir-rappreżentant tal-awtorità li l-awtorità ma kenitx qed tinsisti fuq l-effetti u r-rekwiżiti ta' dina d-Direttiva għax f'Malta ma kienx hemm il-faċilitajiet rikjesti. Lanqas dan ma kien kontestat.

»Iżda l-aggravju tal-esponenti hija propju li fir-rigward tal-vetturi manufatturati għas-suq ewropew effettivament ir-rekwiżiti ta' dina d-Direttiva huma impliċiti fis-sistema ta' *type approval* u *certificate of conformity*.

»Id-Direttiva dwar l-*end-of life vehicles* tirregola żewġ stadji fil-ħajja tal-vettura: (a) il-mument meta qed tiġi fabbrikata; u (b) l-mument meta ssir skart.

»Id-Direttiva tirregola l-istadju tal-fabbrikazzjoni billi timponi diversi rekwiżiti fosthom x'materjali jistgħu u ma jistgħux jintużaw fil-fabbrikazzjoni tal-vettura. Jekk il-vettura tkun fabbrikata fit-termini ta' dina d-Direttiva jew le jirrizulta mis-*certificate of conformity*" ta' dik il-vettura, għaliex iċ-ċertifikat juri għal liema mudell hija konformi l-vettura.

»Illi għalhekk kull mudell ġdid li tiġi manifatturata [*sic*] trid tilħaq l-i*standards* imposta [*sic*] minn dina d-Direttiva wkoll. L-istess ma jistax jingħad għall-vetturi użati li ma jurux *certificate of conformity* u li għalhekk ma hemm l-ebda mod kif wieħed jista' jiddetermina jekk humiex verament konformi mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva jew le.

»Illi għalhekk l-abdikazzjoni tal-Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar milli tenforza d-dettami ta' din id-Direttiva ma tfisser xejn għajr li (1) qed jinħoloq [*recte*, qiegħda tinħoloq] diskriminazzjoni bejn l-atturi u l-importaturi ta' vetturi użati; u (2) li qed jiġi stultifikat [*recte*, qegħdin jiġu stultifikati] l-effetti tad-Direttiva – billi d-Direttiva għandha għan ambjentali, u *cioè* li teskludi materjali perikolużi għas-saħħa mill-ambjent meta l-vetturi jiġu skartati.«

22. Fost il-konvenuti kienu l-Ministru ghall-Iżvilupp Urban u Toroq u l-Ministru ghall-Kompetitività li wieġbu għal dan l-aggravju, u qalu hekk:

»… … … l-appellanti qed jargumentaw illi d-Direttiva qed tiġi implimentata in konfront tal-importaturi tal-vetturi ġodda u mhux fil-konfront ta' importaturi ta' vetturi użati. L-esponenti jissottomettu illi l-ewwel qorti kienet korretta meta kkonkludiet illi tali allegazzjoni ma ġietx pruvata. In fatti, dak li ġie pruvat huwa illi l-awtorità kompetenti ma timponi l-ebda obbligu fuq l-ebda importatur taħt l-Avviż Legali 99 tal-2004. Illi jiġi preċiżat illi dawn ir-Regolamenti huma prinċiparjament intiżi sabiex jirregolaw x'jiġri mill-vettura meta dina tkun *end of life* u mhux meta tali vettura tidħol f'xi suq.«

23. L-atturi effettivament qegħdin igħidu illi n-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-A.L. 99 tal-2004 hija ta' vantaġġ mhux xieraq għal min jimporta

vetturi użati, għax dwar vetturi ġodda l-kontrolli li jrid dak l-Avviż Legali jkunu ġà saru waqt li jkunu qegħdin jinbnew waqt li għal vatturi użati dawk il-kontrolli ma jsiru qatt.

24. Il-konvenuti min-naħa l-oħra qegħdin igħidu illi, għalkemm jaqblu illi "ġie pruvat … … … illi l-awtorità kompetenti ma timponi l-ebda obbligu fuq l-ebda importatur taħt l-Avviż Legali 99 tal-2004", dan in-nuqqas ma huwiex diskriminatorju għax jolqot kemm vetturi ġodda u kemm vetturi użati.

25. Dan l-argument tal-konvenuti ma huwiex għalkollox sodisfaċenti. Jekk, biex tingħata *type approval* għal vetturi ġodda, ġà meta joħorġu mill-fabbrika jkun aċċertat illi ma fihomx materjal li jagħmel ħsara ambjentali meta jiġu rottamizzati fi tmiem żmienhom, in-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-A.L. 99 tal-2004 ma jkollux konsegwenzi wisq gravi għax effettivament il-kontrolli li jrid dak l-Avviż Legali jkunu ġà saru qabel ma l-vettura toħroġ mill-fabbrika. L-istess iżda ma jistax jingħad dwar vetturi użati li ma jkollhomx *certificate of conformity* għax ma jkunx hemm x'juri illi dawk il-vetturi nbnew b'konformità mal-i*standards* li jridu jitħarsu biex vettura ġdida tingħata *type approval*.

26. Li kieku jsir dan biss kien ikun hemm id-diskriminazzjoni li minnha jilmentaw l-atturi. Li ma humiex qegħdin iqisu l-atturi, iżda, huwa illi, għalkemm jista' jkun illi l-vetturi użati ma jkunux sarulhom il-kontrolli qabel ħarġu mill-fabbrika, dawk il-kontrolli jsirulhom biex jingħataw awtorizzazzjoni tat-Tip ta' Vettura Waħedha (*Single Vehicle Type approval*) qabel jistgħu jidħlu fis-suq Malti minn barra l-Ewropa.

Sakemm din l-awtorizzazzjoni tingħata kif tird il-liġi – meritu tal-aggravju li jmiss – ma tkun saret ebda diskriminazzjoni bejn il-proċess ta' rottamazzjoni ta' vetturi ġodda u dak ta' vetturi użati.

27. L-aggravju dwar awtorizzazzjoni tat-Tip ta' Vettura Weħedha (*Single Vehicle Type approval*) ġie mfisser hekk:

> » L-esponenti ħassu ruħhom aggravati wkoll mill-fatt li l-Prim' Istanza sabet li s-*single vehicle authorisation* tista' tintuża sabiex tippermetti l-importazzjoni *en masse* ta' vetturi, meta fiż-żmien rilevanti lanqas ma kien jeżisti xi Avviż Legali li jirregola dan il-permess. Anzi irrizulta mill-provi prodotti li l-permess huwa regolat fil-Ġappun minn awtorità Ingliża, tant li r-regolamenti applikabbli kienu jinħarġu bil-Ġappuniz (kif irriżulta waqt it-trattazzjoni tal-mandat t'inibizzjoni li ġie mitlub qabel il-kawża),
>
> »Huwa minnu, kif spjegat il-Prim' Istanza, illi taħt id-Direttivi l-Awtoritajiet Nazzjonali huma permessi f'ċerti ċirkostanzi japplikaw sistema ta' *National Approval*. U s-*single vehicle authorisation* ma huwa xejn ħlief applikazzjoni ta' dina s-sistema.
>
> »Li huwa sinifikanti huwa l-estratt tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ċitat mill-qorti …: "*National individual approval concerns the certification of compliance of a particular vehicle (whether unique or not) with the relevant national requirements. This procedure applies in particular to vehicles imported individually from third countries and which do not complv with European tvpe-approval requirements, as well as to unique vehicles*".
>
> »Ma għandu jkun hemm l-ebda dubbju li s-sistema ta' *single vehicle authorisation* ma huwa xejn ħlief applikazzjoni ta' *national individual approval.* Iżda hija applikazzjoni skorretta u dana billi l-awtorità qed tuża din l-*authorisation* sabiex tippermetti l-importazzjoni *in bulk* ta' vetturi. Is-sottomissjoni attrici hija li fil-ligi ewropea n-*national individual approval* hija intiża għal persuna individwali li jimporta l-karozza tiegħu. Iżda fis-sistema tagħna l-approvazzjoni qiegħed [*sic*] jingħata għall-importazzjoni kumerċjali, u dana kif jirriżulta mill-istatistiċi prodotti tul it-trattazzjoni tal-kawża.
>
> »Illi anke f'dan ir-rigward hemm lok ta' riferenza sabiex jiġi determinat jekk sistema ta' *national individual approval* tista' tintuża għall-importazzjoni *en masse* ta' vetturi' sabiex jinbigħu fuq is-suq Malti.
>
> »Illi *inoltre* fir-rigward tas-*single vehicle authorisation* l-esponenti jħossu ruħhom aggravati in kwantu ġie ammess li (1) ma jeżisti l-ebda Avviż Legali jew regolamentazzjoni Malti li jiddiskrivi l-estremi tiegħu (*vide* x-xiehda ta' David Sutton riportata mill-qorti); (2) jirriżulta wkoll li r-raġuni li ma jeżisti[x] tali regolamentazzjoni huwa peress li l-awtorità intimata abdikat il-poteri tagħha u ħalliet dan [*sic*] ir-regolamentazzjoni għall-uffiċju ta' awtorità Ingliża fil-Ġappun; (3) illi s-sistema applikata għal Malta lanqas hija identika għal dik użata għall-vetturi li jintbagħtu l-Ingilterra.«

28. Reġgħu kienu biss il-Ministru ghall-Iżvilupp Urban u Toroq u l-Ministru ghall-Kompetitività li wieġbu speċifikament għal dan l-aggravju, u qalu hekk:

> »L-esponenti jissottomettu li ebda Direttiva mertu tal-kawża odjerna ma tillimita jew tirregola d-dħul ta' vetturi minn pajjiżi terzi u/jew li tirrikjedi approvazzjoni tat-tip KE jew *EC certificate of conformity* fuq il-karrozzi użati. Is-sistema ta' *Single Type Approval* għall-karrozzi *second hand* importati minn pajjiżi terzi, kif stabbilita fir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (S.L. 65.28), tidħol fil-parametri legali imposti mill-Unjoni Ewropea. Din is-sistema ta' *Single Type Approval vis-à-vis* l-imsemmija vetturi tintuża wkoll fi Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea, fosthom ir-Renju Unit, u dan kif jirriżulta mix-xiehda mogħtija minn David Sutton.
>
> »Illi kwalunkwe differenza li teżisti bejn l-approvazzjoni tat-tip KE u *Single Type Approval* hija ekwa u skont il-liġi.
>
> »Il-fatt illi vetturi użati ma jintalabx dwarhom *EC Type Approval* jew *EC Certificate of Conformity* għalhekk ma jikkostitwixxi ebda diskriminazzjoni peress illi tali dokumenti (anke fi ħdan l-Unjoni Ewropea stess) japplikaw biss dwar vetturi ġodda.«

29. Fiż-żmien relevanti l-importazzjoni ta' vetturi użati kienet regolata bir-Regolamenti tal-2004 dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi (Avviż Legali 476 tal-2004). Ir-Reg. 7(3) fil-parti relevanti kien igħid hekk:

> »**7.** (3) Għall-fini tar-reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur użata li tkun ġiet impurtata, is-sid jew l-importatur jew in-negozjant ta' dik il-vettura għandu jgħaddi lill-Awtorità l-Formola għar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi Użati mimlija kif imiss, flimkien mad-dokumenti li ġejjin:
>
> > »… … …
> >
> > »vi. iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-Tip ta' Vettura fir-rigward ta' vettura M1[5] jew ċikletta importata minn pajjiż terz.«

30. Dan ifisser illi vetturi użati wkoll iridu jgħaddu mill-kontrolli meħtieġa li jassikuraw, *inter alia*, illi ma jkunx fihom materjali li minħabba fihom ma jkunux jistgħu jitħarsu l-kriterji ambjentali meta l-vetturi jiġu rottamizzati.

---

5 Vetturi M1 huma "Vetturi li jġorru l-passiġġieri sa massimu ta' 8 sedili (eskluż ix-xufier)".

31. Il-fatt illi, kif xehed David Sutton (dak iż-żmien *Acting Chief Executive Officer* tal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta) "*This pre-registration inspection referred to as the 'Single Vehicle type-Approval (SVA) scheme' is carried out on behalf of the Maltese government by the Vehicle Certification Agency based in Nagoya, Japan*"[6] ma jfissirx illi b'hekk l-awtorità "abdikat il-poteri tagħha" kif igħidu l-atturi. Il-*Vehicle Certification Agency*" msemmija minn Sutton hija "*an agency of the UK Government's Department of Transport*"[7], u għalhekk aġenzija ta' pajjiż membru tal-Unjoni, u ma hemm xejn li jżomm lill-awtorità li taħtar aġenzija awtorizzata sabiex tagħmel il-kontrolli meħtieġa; anzi dan ikun pass meħtieġ jekk l-awtorità lokali ma jkollhiex il-mezzi tekniċi biex tagħmel dawn il-kontrolli.

32. L-atturi qegħdin jilmentaw ukoll illi "l-awtorità qed tuża din l-*authorisation* sabiex tippermetti l-importazzjoni *in bulk* ta' vetturi". B'"importazzjoni *in bulk*" il-qorti tifhem illi l-atturi qegħdin igħidu illi flok persuna li trid timporta vettura waħda użata għall-użu tagħha timporta dik il-vettura biss u tikseb hi l-awtorizzazzjoni tat-Tip ta' Vettura Weħedha għal dik il-vettura biss, negozjanti qegħdin jimportaw numru ta' vetturi biex jerġgħu jbigħuhom. Dan iżda ma huwiex vjetat mir-Regolamenti, li jippermettu illi l-proċedura ta' reġistrazzjoni ssir kemm mis-"sid" tal-vettura kif ukoll minn "l-importatur jew in-negozjant", sakemm jintwera ċ-ċertifikat ta' approvazzjoni dwar kull waħda mill-vetturi.

33. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

---

6 *Affidavit* ta' David Sutton maħluf fl-14 ta' Settembru 2007, *foll.* 159 *et seq*.

7 *Ibid fol.* 159.

34. Aggravju ieħor huwa "dwar il-bażi għall-azzjoni attriċi" u ġie mfisser hekk:

> »Fl-ewwel lok … id-Direttivi Ewropej (nru 70/156/KEE u 2000/53/KE) ma humiex qed jiġu applikati korrettement.
>
> »L-esponenti qegħdin jissottometu illi l-applikazzjoni taż-żewġ sistemi paralleli hija invalida inkwantu tmur kontra l-għanijiet tad-Direttivi in kwistjoni.
>
> »Din hija l-lanjanza primarja tal-esponenti u għalkemm wieħed jista' xi ftit jew wisq jinkorpora[ha] fl-artikolu 469A(1)(*a*) u 469A(1)(*b*)(iv) hija bażata filfatt fuq il-prinċipju ta' dritt Ewropew li jagħti liċ-ċittadini d-dritt li jinsistu li kull att leġislativ u/jew amministrattiv jingħata effett in konformità totali ma' dawk id-Direttivi u Regolamenti Ewropej li għandhom effett dirett fis-sistema ġuridika taghna.
>
> »Bil-Kap. 460 tal-Liġijiet ta' Malta u l-adeżjoni mat-Trattat tal-Unjoni Ewropea s-sistema ġuridika tad-dritt Ewropew saret direttament applikabbli f'Malta bl-iktar mod ampju. *Ai termini* tal-artt. 3 u 4 tal-Kap. 460 iċ-ċittadin ingħata d-drittijiet kollha li jistgħu jemanaw mill-ordinament Ewropew inkluż li jinsisti li l-awtoritajiet nazzjonali jaġixxu in konformità mad-Direttivi Ewropej«

35. Kif osservat din il-qorti fil-provvediment tat-30 ta' Ottubru 2015, għalkemm l-atturi fl-ewwel talba tagħhom iridu li l-qorti "tiddikjara li l-intimati … … … ma humiex qegħdin jimplimentaw l-Avviżi Legali 95/2002 u 99/2004 u d-Direttivi Ewropej 70/156/EEC u 2000/53/EC kif sussegwentement emendati b'mod ekwu u skond il-liġi Maltija", ma hemmx talba biex il-qorti tgħid illi hemm inkompatibilità bejn id-Direttivi u l-Avviżi Legali li jimplimentawhom. Anzi, il-premessa tal-atturi hija illi d-Direttivi "ġew trasposti kważi *verbatim*" bis-saħħa tal-Avviżi Legali. Dan iżda ma jfissirx illi d-Direttivi u l-interpretazzjoni korretta tagħhom ma jibqgħux relevanti, għax dejjem jibqa' fuq il-qorti d-dmir tal-interpretazzjoni konformi tal-leġislazzjoni domestika mad-Direttiva implimentata b'dik il-leġislazzjoni[8].

---

[8] Ara *e.g.* Von Colson u Kamann *v.* Land Nordrhein-Westfalen, C-14/83, Qorti tal-Ġustizzja, 10 ta' April 1984, para. 26.

36. Kif rajna[9], l-argument tal-atturi illi d-Direttivi ma ġewx trasposti sew – jew, aħjar, illi l-Avviżi Legali li implimentaw id-Direttivi ma ġewx interpretati sew – huwa msejjes fuq il-premessa illi l-frażi "vetturi ġodda" tfisser "vetturi ġodda fis-suq" u mhux "vetturi ġodda mill-fabbrika". Kif imfisser fil-provvediment tat-30 ta' Ottubru 2015, din il-premessa tal-atturi hija żbaljata, u daqstant ieħor hija żbaljata, għalhekk il-konklużjoni tal-atturi illi "illi l-applikazzjoni taż-żewġ sistemi paralleli hija invalida inkwantu tmur kontra l-għanijiet tad-Direttivi in kwistjoni".

37. Din il-parti tal-aggravju hija għalhekk miċħuda.

38. L-aggravju jkompli hekk:

> »Il-lanjanza sekondarja tas-soċjetajiet attriċi hija li filfatt l-għemil amministrattiv b'liema [*recte*, li bih] jingħata *Single Vehicle Authorisation* lil vetturi użati mill-Ġappun huwa null, invalidu u mingħajr effett in kwantu:
>
> »- jikser il-Kostituzzjoni (billi hemm abdikazzjoni ta' poteri mogħtija lill-Awtorità Dwar it-Trasport) a tenur tal-art. 469A(1)(*a*);
>
> »- billi l-awtorizazzjoni qiegħda toħloq diskriminazzjoni bi ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali;
>
> »- billi, in kwantu ma hemmx Avviż Legali li jirregola il-kif u meta għandha tingħata l-*SVA*, l-*SVA* qiegħda tingħata mingħajr ma tilħaq il-ħtiġiet proċedurali mandatorji fl-għoti tagħha (art. 469A (1)(*b*)(ii)); jikkostitwixxi wkoll abbuż ta' poter (art. 469A(1)(*b*)(iii)) u fi kwalsiasi każ imur mod ieħor kontra l-liġi [art. 469A(1)(*b*)(iv)];
>
> »- illi *inoltre* in kwantu l-*SVA* qiegħda tintuża sabiex jiġu evitati l-effetti tad-Direttivi Ewropej din tmur kontra l-liġi (l-art. 469A(1)(*b*)(iv)) u kontra l-ordinament Ewropew.«

39. Naraw dawn l-ilmenti wieħed wieħed.

40. Dwar "abdikazzjoni ta' poteri", ġà rajna[10] illi l-fatt illi l-awtorità tinqeda b'aġenzija awtorizzata (ta' pajjiż membru tal-Unjoni) sabiex tagħmel il-

[9] Para. 10, *supra*.

[10] Para. 31, *supra.*

kontrolli tekniċi meħtieġa ma hijiex abdikazzjoni ta' poteri, sakemm l-awtorizzazzjoni toħroġha l-awtorità stess.

41. Dwar "diskriminazzjoni" rajna wkoll[11] illi ma hemmx dikriminazzjoni detrimentali għall-atturi fil-proċeduri differenti relativi għal vetturi ġodda u vetturi użati; anzi, vetturi ġodda huma soġġetti għal reġim aktar favorevoli.

42. L-argument illi "ma hemmx Avviż Legali li jirregola il-kif u meta għandha tingħata l-*SVA*" huwa wkoll żbaljat billi din il-materja kienet, fiż-żmien relevanti, regolata bl-Avviż Legali 476 tal-2004[12].

43. Rajna wkoll[13] illi l-argument illi "l-*SVA* qiegħda tintuża sabiex jiġu evitati l-effetti tad-Direttivi Ewropej" huwa ħażin għax imsejjes fuq l-interpretazzjoni żbaljata illi l-atturi qegħdin jagħtu lill-frażi "vetturi ġodda".

44. Din il-parti tal-aggravju wkoll hija għalhekk miċħuda.

45. L-aħħar aggravju tal-atturi huwa "dwar ir-rimedju mitlub" u ġie mfisser hekk:

> »Illi l-atturi appellanti qegħdin jitolbu rimedju għal mis-applikazzjoni tad-Direttivi Ewropej kif fuq spjegat, apparti għad-dikjarazzjonijiet relativi li l-awtoritajiet jikkonformaw ruħhom mad-Direttivi Ewropej u li d-deċiżjonijiet li ttieħdu b'applikazzjoni skorretta tad-Direttivi jiġu annullati u/jew ikun hemm dikjarazzjoni ta' responsabiltà tal-intimati jew min minnhom għad-danni li soffrew l-esponenti appellanti.«

---

11 Para. 12 u para. 26, *supra*.

12 Para. 29, *supra.*

13 Para. 10, *supra.*

46. Ladarba, għar-raġunijiet kollha mfissra fuq, ma kien hemm ebda "mis-applikazzjoni", l-aggravju ma jibqax relevanti u għalhekk huwa miċħud.

47. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż tal-appell iħallsuhom l-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Registratur
mb